THE ... APPEAL

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 5 AUG 2016
FLORIANA



Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali għan-nom tal-Gvern dwar l- Applikazzjoni PA 0456/16[1]

Jesponi bir-rispett:

L-Avukat Ġenerali għan-nom tal-Gvern qiegħed bil-preżenti jappella lil dan it-Tribunal fit-termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 551 mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar meħuda fit- 2 ta' Awissu 2016 li biha l-Bord iddecieda li ma japplikax l-Artikolu 80 tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap 552) u b' hekk ma ppermettiex ir-revoka ta' permess maħrug f' cirkostanzi fejn in-nuqqas ta' osservanza tar-regolament 13(4) tal-Avviż Legali 162 tal-2016 fil-ħrug ta' dak il-permess kien tali li jagħti lok għal-sitwazzjoni ta' "error on the face of the record" fit-termini tal-ligi. Illi l-aggravju tal-esponent huwa illi d-decizjoni appellata hija l-frott ta' żball procedurali materjali u ta' żball ta' liġi.

Illi d-difett li kien ta' lok għar-revoka tal-permess kien jikkonsisti fil-fatt illi meta, wara li matul l-ewwel udjenza l-Kummissjoni tal-Ippjanar rat illi l-opinjoni provviżorja tal-maggoranza tal-membri preżenti kienet kontra r-rakkomandazzjoni tac-Chairperson Eżekuttiv, hija qabet u għaddiet għall-vot mingħajr ma ddifferiet il-każ għal seduta oħra kif jinħtieg l-istess regolament. B' hekk il-Kummissjoni caħħdet lill-Konsulenti Esterni u lil kull min seta' kien interessat milli jkunu nformati bil-proposta tal-Kummissjoni sabiex ikunu f' pożizzjoni li jagħmlu sottomissjonijiet u caħdithom ukoll milli jipprezentaw argumenti favur jew kontra d-decizjoni fis-seduta li suppost kellha ssir kif ukoll li jġibu argumenti dwar il-kondizzjonijiet tal-permess.

Illi dan id-difett fid-deċiżjoni li tat lok ghar-revoka jistultifika l-process bilanċjat u giust li trid il-liġi fil-ħruġ tal-permessi u jirrendi kull permess maħruġ b' din il-proċedura mhux skont il-liġi bħala wieħed irritwali u ultra vires u ghalhekk null u mingħajr effett. Dan ukoll tenut kont tal-fatt illi bid-deċizjoni tal-Kummissjoni li ma tagħmilx seduta oħra gie eskluz l-element ta' pubbliċita effettiva rikjest mil-liġi biex jassikura li kull min ikollu sottomissjonijiet x' jagħmel dwar il-permess ikun jista' jagħmilhom.

Illi, kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-Bord dwar l-Ippjanar id-difett in kwistjoni ma kienx wieħed li jikkoncerna "cirkostanza li ma kellha ebda inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-permess" u dan peress illi d-difett in kwistjoni jċaħhad id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet kollha nteressati liema drittijiet huma insiti fil-proċess għall-ħruġ ta' permessi.

Huwa ukoll manifest u stabbilit illi kull difett ta' proċedura illi jista' jinfluwenza l-ezitu finali ta' deċiżjoni huwa difett sostanzjali u materjali li bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala li ma kellu l-ebda inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-permess.

Dan wisq iżjed meta l-permess illi eventwalment inħareg imur ferm oltre dak permess fir-"Rural Policy and Design Guidance, 2014" dwar id-daqs ta' basements f' zoni rurali.

---

[1] *"Erection of two-storey winery (Class G); amended application to PA5068/06, including enlargement of basement level and shifting of rubble wall, site at Triq il-Fawwara/Triq ta' Blat il-Qamar, Ta' Bur il-Kbir, Siggiewi, Malta"*

Illi għaldaqstant l-esponent qieghed umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Bord tal-Ippjanar u minflok jerga' jibghat il-każ lill-Bord sabiex jiddeċiedih skont il-liġi.

Illi permezz ta' dan l-appell l-esponent qiegħed jitlob ukoll is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess in kontestazzjoni.

Avukat Generali

Avukat Roma D' Alessandro

Avukat Anzjan

Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

HEIDI TESTA B.A., L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

Xhieda:

Rapprezentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar, inkluz Oliver Magro, ta' Din l-Art Ħelwa, tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u tal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi.

Avukat Generali

Avukat Roma D' Alessandro

Avukat Anzjan

Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

HEIDI TESTA B.A., L.P.
ATTORNEY GENERAL'S OFFICE

Rikorrent: Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, Il-Palazz,Valletta

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR**
**ENVIRONMENT & PLANNING REVIEW TRIBUNAL**

P.O. BOX 172 MARSA TEL: 21222140/21223207 Email:info@eprt.org.mt

1193

# PAYMENT TO THE ENVIRONMENT & PLANNING REVIEW TRIBUNAL

**Authority Ref. No.** PA / 0456 / 16

**Appeal No.** ____/____

**Name of Appellant** THE ATTORNEY GENERAL ON BEHALF OF GOVERNMENT

**Address** OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL
THE PALACE, VALLETTA

- [ ] **Appeal from Refusal**
- [ ] **Appeal from Condition**
- [ ] **Appeal from Enforcement Notice**
- [x] **Third Party Appeal**
- [ ] **Site Inspection**
- [ ] **Others**

**Total Fee Submitted** | **Amount** €279.12

| PAYMENT | € 279.12 |
|---|---|
| [x] Bank of Valletta Ltd., A/C 186 0307 2236 | BANK OF VALLETTA p.l.c. Republic Street Valletta 05 AUG 2016 936 X |
| [ ] H.S.B.C., 089-037246-050 | |
| **Total** | € 279.12 |

White: This form should be submitted to the Secretary, Environment & Planning Review Tribunal, duly stamped by the Bank
Green: PAB Accounts
Yellow: Customer's Copy